# L-irwol tar-Rev.mu Prepostu Arċipriet fi ħdan ir-Rev.mu Kapitlu Elenjan

**Andrè Azzopardi - Segretarju, Soċjetà Dun Filippu Borgia**

Il-Ġimgħa 8 ta' Diċembru 2018 kien jum importanti ħafna fil-ħajja u l-istorja tal-Kolleġġjata Elenjana. Dan għaliex ir-Rev. Mons. Paul Carmel Vella ġie insedjat bħala Prepostu, is-sebgħa u għoxrin suċċessur ta' Dun Filippu Borg, il-fundatur ta' din il-Kolleġġjata Perinsinji, u maħtur Arċipriet tal-Parroċċa ta' Sant'Elena Imp. Awg. f'Birkirkara. L-avveniment ta' Insedjament ta' Prepostu ġdid fi ħdan din il-Kolleġġjata, bla ma jrid, ifakkarna fl-irwol importanti li għandu l-Prepostu fi ħdan ir-Rev.mu Kapitlu Elenjan u l-istorja u t-tradizzjoni rikka li għandha din l-istituzzjoni ekkleżjastika f'pajjiżna.

## Sfond storiku



Wara talba li kien ressaq Dun Filippu Borg, Kappillan tal-Parroċċa ta' Birkirkara, quddiem il-Papa Urbanu VIII (1568-1644) *(lemin)* sabiex f'din il-lokalità titwaqqaf Kolleġġjata bi Prepostu u tnax-il Kanonku u daqstant prebendi, jiġifieri, somma ta' flus fissa li titħallas lill-membri kapitulari kull erba' xhur, flimkien ma' Vigarju Perpetwu, dak li llum nafuh bħala l-Arċipriet, li kellu jieħu ħsieb il-kura pastorali tal-parruċċani, nhar il-5 ta' Diċembru 1630, l-istess Papa laqa' din it-talba permezz tad-dokument pontifiċju *Sacri Apostolatus Ministerio*. Dan id-dokument kien indirizzat direttament lill-Inkwiżitur Martinu Alfieri u l-Papa ordna lil dan tal-aħħar sabiex jassigura ruħu li d-dispożizzjonijiet li l-Papa niżżel f'din il-Bolla jkunu attwati.

Il-Papa kien rabat lil Dun Filippu biex jagħmel donazzjoni ta' erba' mija u għoxrin skud f'ħajtu u għotja oħra ta' tliet mitt skud wara mewtu u dan sabiex ikun hemm sisien sodi għal din il-fondazzjoni. Dan kollu kien issiġġillat permezz ta' kuntratt ċivili li jinsab fl-Atti tan-Nutar Ferdinando Zarb datat 14 ta' Lulju 1632.

Ovvjament, hu importanti li nisħqu li minn barra l-amministrazzjoni tal-beni mobbli u immobbli li skont l-istess Bolla, tħalliet f'idejn il-Prepostu u l-Kanonċi *pro tempore*, l-għan prinċipali wara t-twaqqif ta' din il-Kolleġġjata kien l-aspett liturġiku li permezz tiegħu kull ċelebrazzjoni li ssir fit-tempju ta' Alla tkun tal-għola ġieħ u glorifikazzjoni lil Alla l-Imbierek u l-qdusija tal-poplu. Għal dan il-għan, il-membri kapitulari huma obbligati li ta' kuljum jiċċelebraw Quddiesa Konventwali li titqaddes minn dak il-Kanonku li jkun imissu u li jattendu flimkien sabiex jitolbu l-Liturġija tas-Sigħat jew is-Salmi.

Hu xieraq li jingħad, kif saret riferenza iktar qabel, li l-kura tal-erwieħ ma kinitx taqa' direttament taħt l-uffiċċju tal-Prepostu imma kienet responsabbiltà tal-Vigarju Perpetwu li ma kellu x'jaqsam xejn mar-Rev.mu Kapitlu[1] u li fl-1692 ingħata t-titlu ta' Arċipriet. Kien nhar il-15 ta' Marzu 1751, fuq talba tal-istess Kapitlu Elenjan, li l-Papa Benedittu XIV, (1675-1758) *(lemin)* għaqqad il-Prepositura mal-Arċipretura. B'hekk il-kura tal-erwieħ issa ġiet fdata f'idejn il-Prepostu *pro tempore* u l-amministrazzjoni tal-Knisja Kolleġġjata ġiet fdata f'idejn il-Prepostu u l-Kapitlu flimkien b'tali mod li kollox ikun jista' jimxi id f'id. Għall-korrezzjoni storika jingħad li Dun Filippu Borg, anki skont il-Bolla tal-Fundazzjoni kif promulgata mill-Papa Urbanu VIII, kien ingħata d-dritt li jibqa' jaqdi l-komunità parrokkjali Karkariża bħala Vigarju Perpetwu sa mewtu.[2]



**L-uffiċċju ta' Prepostu fi ħdan dan ir-Rev.mu Kapitlu**

Minkejja li kif inhu magħruf fostna, f'Kapitli Kolleġġjali oħra fil-gżejjer Maltin jeżisti wkoll dan il-Kanonikat, fil-każ tar-Rev.mu Kapitlu Elenjan, il-Prepożitura għandha rwol importantissimu. Dan għaliex huwa l-ewwel dinjità fi ħdan il-Kapitlu u skont kif stabbilit fil-Bolla tal-fundazzjoni għandu jinħatar direttament mis-Santa Sede. Fil-fatt, il-Papa Urbanu VIII jordna lill-Inkwiżitur sabiex hu jqiegħed "biss prepożitura li tkun id-dinjità ewlenija u waħdanija, u kull darba u bi kwalunkwe mod li titbattal, għandha terġa' timtela' mis-Sede Appostolika li tieħu ħsieb tipprovdi għal Prepostu ieħor; dan ikun il-kap tal-Knisja Kolleġġjata u tal-Kapitlu tagħha u jippresjedi kemm fil-kor kif ukoll fil-purċissjonijiet u f'okkażjonijiet kapitulari tal-istess Knisja Kolleġġjata."[3]

[1] Fil-fatt, fil-Bolla tal-Fundazzjoni, il-Papa Urbanu VIII jordna li l-kariga ta' Vigarju Perpetwu "għandha timtela' wara konkors skont l-għamla mfissra mill-Konċilju ta' Trentu, u għal li ġej tingħata lil wieħed saċerdot sekulari li jsir il-Vigarju Perpetwu tal-Knisja Parroċċa u Kolleġġjata."
Skont l-istess Bolla Pontifiċja, kien stabbilit li l-Vigarju Perpetwu kellu "joqgħod hemm personalment (fil-Parroċċa) u jieħu ħsieb il-kura tal-erwieħ tal-imsemmija parruċċani u jamministralhom is-sagramenti tal-Knisja u l-uffiċċji l-oħra kollha, joqgħod ukoll għad-dmirijiet u l-obbligi tal-imsemmija Parroċċa, bħalma kien jagħmel l-imsemmi Filippu u ta' qablu; iżda però ma jista' bl-ebda mod ikollu jew jippretendi li jkollu vuċi, post jew sedja fost il-Kanonċi tal-Knisja Kolleġġjata, u anqas jaqsam magħhom fid-distribuzzjonijiet jew qligħ ieħor assenjat lill-Kapitlu jew Kanonċi imma għandu joqgħod kwiet u kuntent bil-qligħ mill-Knisja Parrokkjali hekk soppressa u mneħħija; qligħ li huwa għandu jaqilgħu u jżommu kollu għalih, għal dejjem u mingħajr preġudizzju ta' ħadd, bħala doti (salarju) xierqa u mħollija għalih biss."
Rev. Kan. Vinċenz Buhagiar *f'Tagħrif fuq il-Parroċċa Kolleġġjata Bażilika ta' Santa Liena Birkirkara*, San Ġwakkin Press 1985, 78-79.

[2] A.M.B., *Bolla Papali li tagħmel unur lil Dun Filippu Borgia f'360 Sena Kolleġġjata*, Pubblikazzjoni tas-Soċjetà Dun Filippu Borgia, 1990, 19.

[3] Estratt mill-Bolla tal-Fundazzjoni tal-Kolleġġjata ta' Sant'Elena maqluba għall-Malti mir-Rev. Kan. Vinċenz Buhagiar *f'Tagħrif fuq il-Parroċċa Kolleġġjata Bażilika ta' Santa Liena Birkirkara*, San Ġwakkin Press 1985, 77.

Li l-Prepostu jippresiedi f'funzjonjiet importanti li jieħu sehem fihom ir-Rev.mu Kapitlu Elenjan jirriżulta minn konkordat jew ftehim li kien intlaħaq fl-1 ta' Ġunju 1687 wara li ġie sottommess lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi f'Ruma u li kien seħħ bejn il-Prepostu Dr Giusto Torrenzi (1649-1698) u r-Rev.mu Kapitlu fuq naħa u Dun Franġisk Montalto (1679-1688) li kien imexxi l-Parroċċa bħala Kappillan jew Vigarju Perpetwu. Il-ftehim kien iffaċilitat mill-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Mons. Joaquín Canaves (1640-1721), sabiex b'hekk iż-żewġ personalitajiet, jiġifieri, il-Prepostu u l-Vigarju Perpetwu seta' jkollhom gwida ċara ta' liema kienu l-funzjonijiet li kienu riservati għall-Prepostu biss. Dan il-ftehim jingħad li nkiteb u ġie reġistrat fl-Atti Nutarili ta' Giovanni Battista Dorbes fit-8 ta' Ġunju 1687.





*Siltiet mill-Konkordat li kien sar fl-1687 quddiem in-Nutar Giovanni Battista Dorbes bejn il-Prepostu Dr Giusto Torrenzi (1649-1698) flimkien mar-Rev.mu Kapitlu Elenjan u l-Vigarju Perpetwu 'pro tempore' Dun Franġisk Montalto.*

Iżda x'kien jgħid dan il-ftehim? Jingħad li l-Vigarju Perpetwu kellu minn dakinhar il quddiem ikun magħdud hu wkoll bħala Kanonku tal-Kolleġġjata u waqt il-funzjonijiet liturġiċi kellu jieħu l-post dritt wara l-Prepostu imma qabel il-membri kapitulari l-oħra. Ingħatalu d-dritt li jivvota fl-għażla ta' Kanonċi ġodda f'dak li sal-lum għadu jissejjaħ bħala l-ġuspatronat attiv iżda ma kellu l-ebda setgħa fuq l-amministrazzjoni tal-ġid tal-massa kapitulari. B'kuntrast mal-ħatra ta' Prepostu li trid titwettaq mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi f'Ruma, il-Vigarju Perpetwu, li iktar tard beda jissejjaħ Arċipriet, kellu jintgħażel permezz ta' konkors fost is-saċerdoti lokali skont in-normi hekk kif stipulati mill-Konċilju ta' Trentu (1545-1563).

Fost affarijiet oħra li hemm imniżżla f'dan il-ftehim, bħal kif kellu jitqassam id-dħul finanzjarju tal-Parroċċa u dak mill-mensa kapitulari, dan il-konkordat jitkellem dwar liema kellhom ikunu dawk il-funzjonijiet li jmexxi l-Prepostu u oħrajn li kienu iktar ta' natura parrokkjali u allura kellhom jiġu preseduti mill-Arċipriet.

Inizjalment kien miftiehem li l-Prepostu kellu jippresiedi fil-funzjonijiet tal-Milied, l-Epifanija, Ħamis ix-Xirka, Ħadd il-Għid, Għid il-Ħamsin, il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, Santa Marija, Sant'Elena u l-Qaddisin kollha. Min-naħa l-oħra, l-Arċipriet kellu jiffunzjona bħala ċ-ċelebrant prinċipali fil-festa tal-Kandlora jew il-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju, l-Erbgħa tal-Irmied, Ħadd il-Palm, il-Ġimgħa l-Kbira, Sibt il-Għid, lejlet Għid il-Ħamsin, il-Ħadd fl-ottava tal-festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu jew *Corpus Domini*, it-tifkiriet tal-mejtin u l-festi l-oħra kollha li jsiru fil-Parroċċa.[4]

Tajjeb li f'dan il-kuntest jingħad li wara xi diżgwid li seħħ fis-snin ta' wara bejn il-Prepostu u l-Arċipriet minkejja li fl-1687 kien ġie fformulat u ffirmat dan il-ftehim, il-Prepożitura u l-Arċipretura ngħaqdu flimkien fl-istess persuna skont il-Bolla *In Supremo Apostolatus Solio* tal-Papa Benedittu XIV f'Marzu tal-1751. Minn dakinhar sal-lum, reġgħet infirdet darba biss fl-1981 mar-riżenja ta' Mons. Injazju Sciberras Psaila minn Arċipriet tal-Parroċċa Elenjana. Niftakru li Mons. Sciberras Psaila kien żamm l-uffiċċju ta' Prepostu sa ma miet f'Awwissu tal-1994. Sussegwentement, il-Kan. Anton Vella, li sa dakinhar kien l-Arċipriet tal-Parroċċa, inħatar Prepostu tal-imsemmi Rev.mu Kapitlu f'funzjoni solenni li kienet seħħet fil-Bażilika ta' Sant'Elena nhar l-1 ta' Jannar tal-1995 u li għaliha kienu attendew bosta Karkariżi.



*Ir-Rev.mu Prepostu Mons. Injazju Sciberras Psaila flimkien mar-Rev. Kan. Anton Vella, Arċipriet tal-Parroċċa ta' Sant'Elena Imp. Awg. fl-Awla Kapitulari.*

[4] Emanuel B. Vella, *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha*, Empire Press 1934,162.

Illum il-ġurnata, ir-Rev.mu Prepostu Arċipriet imexxi l-funzjonijiet liturġiċi kollha li jsiru fil-Kolleġġjata Elenjana iżda b'reminixxenza ta' dak il-ftehim li kien sar fl-1687, illum hemm sitt festi li jissejħu Prepożitali. Dawn huma l-Epifanija, l-Għid il-Kbir, il-festa tas-Sejba tas-Salib Imqaddes li ħadet il-post il-festa tal-Madonna tad-Duttrina fl-1997,[5] il-festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, Sant'Elena u l-Milied. Dawn jiġu ċċelebrati billi normalment lejlet dawn il-festi r-Rev.mu Kapitlu Elenjan jinġabar flimkien sabiex jintalab l-Ewwel Għasar ta' dik is-solennità bir-Rev.mu Prepostu Arċipriet jmexxi dan it-talb minn fuq is-Sedja Prepożitali mbagħad 'l għada filgħodu tiġi ċċelebrata l-Quddiesa Solenni Prepożitali għajr għall-festa ta' Santu Kruċ fejn il-Quddiesa Solenni Prepożitali tkun iċċelebrata filgħaxija.

**Iċ-ċerimonjal fil-funzjonijiet prepożitali – Is-Sedja Prepożitali**

Kif għamilna riferenza iktar qabel, fil-Kor tal-Kolleġġjata, jiġifieri, f'dik il-parti tal-Knisja fejn is-saċerdoti jinġabru sabiex jitolbu flimkien, hemm Sedja li qegħda fuq pjattaforma ta' tliet tarġiet. Din it-tip ta' Sedja ma teżisti mkien ieħor fil-knejjes tal-gżejjer Maltin u għandha storja interessanti ħafna. Hi tikkonsisti f'siġġu li għandu dirgħajh miksija bil-ġild u b'ġinokkjatur quddiemu b'biċċa faldrappa ħadra b'bordura b'gallun isfar u mħadda ħadra li fiha bordura bl-istess gallun isfar.



*Il-Kor tal-Kolleġġjata u Bażilika ta' Sant'Elena Imp. Awg., Birkirkara.*

L-użu ta' din is-Sedja qajjem kwistjonijiet kbar bejn il-Kapitlu tal-Katidral u dak ta' Sant'Elena f'Birkirkara hekk li għal xi żmien kellha titneħħa b'ordni tal-Isqof Djoċesan iżda wara diversi kawżi quddiem it-tribunali tal-Knisja f'Ruma, l-użu tagħha ġie kkonfermat mill-Papa Benedittu XIII nhar il-5 ta' Ġunju 1727 fejn fi Breve maħruġ minnu, hu ordna li: "l-imsemmija Sedja Prepositorjali bit-tiżjin tagħha tas-soltu tiġi mqiegħda fil-post fejn kienet, u l-Preposti futuri jagħmlu użu minn din is-Sedja kif kien jagħmel l-imsemmi fundatur u l-Preposti l-oħra ta' warajh."[6] Dan kollu kien seħħ fi żmien il-Prepostu Ġużeppi Gaspare Vassallo li serva bħala Prepostu ta' din il-Kolleġġjata mill-1718 sa kemm miet fl-1745.

5 Andrè Azzopardi (Ed.), Soċjetà Dun Filippu Borgia. *F'Mixja mal-Poplu ta' Birkirkara sa mill-1936*, Print Right Ltd., Qormi 2016, 225.

6 Vinċenz Parnis, *Is-Sedja Prepositurali*, Pubblikazzjoni tas-Soċjetà Dun Filippu Borgia mhux datata, 7. Għal iktar informazzjoni dwar din is-Sedja wieħed jista' jaqra l-kitba ta' Emanuel B. Vella fi *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha* f'paġni 186 sa 197.

Normalment, din is-Sedja tintuża mir-Rev.mu Prepostu Arċipriet meta hu flimkien mar-Rev.mu Kapitlu Elenjan ikun qed jirreċita t-talb tas-Salmi kull lejlet u nhar jum li fih tinżamm tifkira liturġika fost dawk li semmejna iktar qabel.



*Ir-Rev.mu Prepostu Arċipriet Mons. Paul Carmel Vella dakinhar tal-Insedjament tiegħu bħala Prepostu tal-Kolleġġjata Elenjana jieħu postu fuq is-Sedja Prepositali.*



*Ir-Rev. Kan. Kantur Ġużeppi Micallef qiegħed jintona t-'Te Deum' lir-Rev.mu Prepostu fl-istess ċerimonja.*

Ovvjament, din is-Sedja għandha sehem importanti ħafna fiċ-ċerimonja ta' Insedjament ta' Prepostu ġdid għall-Kolleġġjata Karkariża fejn wara l-qari u l-iffirmar tad-Digriet tal-ħatra bħala Prepostu ġdid, l-investitura u wara li dan jieħu postu fl-Awla Kapitulari, imbagħad ikun imiss li flimkien mar-Rev.mu Kapitlu jinżel fil-Kor tal-Bażilika u b'konswetudni antika ħafna jkun ir-Rev. Kan. Dekan li jwasslu sa fuq is-Sedja tiegħu fil-Kor. Hemmhekk il-Prepostu l-ġdid jilbes l-istola u l-pivjal bojod, ir-Rev. Kan. Kantur jintona l-bidu tal-Innu ta' Radd il-Ħajr lil Alla lir-Rev.mu Prepostu u jitkanta t-*Te Deum Laudamus*. Fl-aħħar ta' din iċ-ċerimonja, minn fuq l-istess Sedja Prepositali u fl-isfond tal-antifona f'ġieħ Sant'Elena Imperatriċi Awgusta magħrufa fostna bħala l-*Manum Suam*, il-membri kapitulari kollha, kemm dawk Effettivi kif ukoll dawk li huma Onorarji, jersqu wieħed wieħed lejn ir-Rev.mu Prepostu u jagħtuh it-tgħanniqa tal-paċi, simbolu tal-għaqda li għandha dejjem tinżamm bejn il-membri kapitulari li jiffurmaw korp wieħed.

Wara li tajna ħarsa ħafifa lejn l-użu tas-Sedja Prepositali li hemm fil-kor mir-Rev.mu Prepostu Arċipriet, ikun xieraq ukoll li nagħtu daqqa t'għajn lejn xi jseħħ f'dik li tissejjaħ Quddiesa Prepożitali u li din tiġi ċċelebrata f'festi partikulari skont kif intqal iktar qabel.

**Il-Quddiesa Solenni Prepożitali**
Il-Quddiesa Solenni Prepożitali, isimha magħha, jiġifieri, f'dik l-okkażjoni partikulari jkun ir-Rev.mu Prepostu Arċipriet li jiċċelebra s-sagrifiċċju ewkaristiku bħala l-prim ċelebrant. Interessanti ferm il-fatt li f'Quddiesa bħal din, hu jkun akkumpanjat mir-Rev. Kan. Dekan, li wara l-kariga jew uffiċċju ta' Prepostu huwa t-tieni dinjità fi ħdan ir-Rev.mu Kapitlu u jkun l-aktar Kanonku anzjan mhux fiż-żmien imma f'kemm ikun ilu Kanonku ta' dan il-Kapitlu. Fost ħwejjeġ oħra, ir-Rev. Kan. Dekan jassisti lir-Rev.mu Prepostu Arċipriet bħala *Presbyter Assistens* f'ċelebrazzjonijiet liturġiċi importanti u jinċensa hu, kull meta jkun il-każ, lir-Rev.mu Prepostu Arċipriet għal tliet darbiet waqt din il-Quddiesa. Tajjeb li jingħad li din il-kariga kienet ġiet ikkonfermata mill-Papa Piju IX fl-1859.



*Riproduzzjoni ta' skizz magħmul mis-Sur Philip Borg li juri l-Quddiesa Solenni Prepożitali kif deskritt iktar il fuq.*

Flimkien mar-Rev. Kan. Dekan, insibu lill-aħħar żewġ Kanonċi Effettivi li jkunu ġew innominati u maħtura membri kapitulari tal-imsemmi Rev.mu Kapitlu li jakkumpanjaw lir-Rev.mu Prepostu Arċipriet waqt il-Quddiesa Solenni Prepożitali. Qabel ir-riforma liturġika li seħħet frott tal-Konċilju Vatikan it-Tieni (1962-1965), dawn iż-żewġ Kanonċi kienu jilbsu t-tuniċella jew id-dalmatika li jilbes id-Djaknu. Illum, dawn jilbsu l-pjaneta bħas-saċerdoti l-oħra.

Dawn l-aħħar snin daħlet id-drawwa li f'nhar il-jum tal-festa titulari ta' Sant'Elena Imp. Awg., fil-Quddiesa Solenni Prepożitali li l-introjtu tagħha hija l-istess proċessjoni solenni bl-istatwa artistika u maestuża tal-qaddisa, jieħdu sehem il-membri kollha tar-Rev.mu Kapitlu u Saċerdoti oħra Karkariżi.

Waqt din il-Quddiesa Solenni Prepożitali, fil-mumenti tal-Glorja u l-istqarrija tal-fidi jew kif inhu komunement magħruf bħala l-Kredu, ir-Rev. Kan. Kantur liebes il-pivjal u bil-virga fuq spallejh, liema uffiċċju twaqqaf fi ħdan ir-Rev.mu Kapitlu permezz tat-tieni fundazzjoni magħmula mir-Rev. Kan. Perin Borg quddiem in-Nutar Pietru Pawl Gonzi nhar it-28 ta' Settembru 1771, joħroġ fuq il-presbiterju u jintona l-ewwel versi tal-Glorja jew il-Kredu lir-Rev.mu Prepostu Arċipriet. Hu xieraq li jingħad li inizjalment u skont ix-xewqa tar-Rev. Kan. Perin Borg, dan il-Kanonku kellu d-dmir li jgħallem il-kant liturġiku lill-poplu.



*Mudell tar-Rev. Kan. Perin Borg magħmul fil-ġebla Maltija, xogħol l-iskultur Alfred Camilleri Cauchi fl-2012 u li hu proprjetà tas-Soċjetà Dun Filippu Borgia.*

Li r-Rev. Kan. Kantur jintona l-Glorja u l-Kredu lir-Rev.mu Prepostu Arċipriet fil-Quddiesa Solenni Prepożitali tirriżulta minn dak illi ried il-Kan. Perin Borg fil-kuntratt ċivili tiegħu msemmi iktar qabel. Fil-fatt, insibu li "Il 4, 'Dovra detto Canonico Cantore osservare il ceremoniale che osserva il Rev.mo Cantore della Chiesa Catedrale di questa Diocesi *tam Episopo presente quam abnte*; 5. Nelle funzioni e solennità che fa il Rev.mo Sigr Preposito nelle quali il medesimo vien assistito dal Presbitero assistente canonico Decano colla Cappa Mania sciolta, il Canonico Cantore parato con l'amietto, e piviale, e verga dovra dare al sudetto Sigr Preposito tanto nel coro quanto su l'altare ed ove occorrera l'intonazione."

**It-Translazzjoni Solenni tar-Relikwija lejlet il-festa titulari**

Ma naħsibx li nkun qed ngħid xi ħaġa li hi barra minn lokha meta nistqarr li din hi waħda mill-iktar funzjonijiet dinjitużi li jsiru mhux biss fil-Kolleġġjata Elenjana imma fil-gżejjer Maltin. Konxju li hawn ħafna dilettanti u ammiraturi tal-festi tagħna li dakinhar filgħaxija jattendu bi ħġarhom għal din il-funzjoni solenni.

L-ewwel nett, il-kelma translazzjoni tfisser tittrasporta l-fdalijiet tal-qaddisin minn post għall-ieħor. Din iċ-ċerimonja liturġika tmur lura għaż-żmien tal-Imperatur Kostantinu l-Kbir, iben Elena, meta wara li ngħatat il-libertà sabiex tkun tista' tiġi prattikata r-reliġjon Nisranija u l-Insara bdew joħorġu mill-katakombi, l-għadam tal-qaddisin beda jittieħed mill-oqbra fejn ġew midfuna għall-Bażiliċi u knejjes ferm ikbar fejn l-Insara setgħu jagħtu l-qima tagħhom.

Bħalma hi l-konswetudni tal-Isqof Djoċesan u bi privileġġ uniku mogħti lir-Rev.mu Prepostu Arċipriet tal-Kolleġġjata Elenjana, fid-dħul tiegħu fil-Bażilika, hu jbierek lilu nnifsu bl-ilma mbierek filwaqt li jbierek ukoll lill-kongregazzjoni miġbura f'dan it-tempju.



*L-eks Rev.mu Prepostu Arċipriet, il-Kan. Vinċenz Cachia, ibierek lilu nnifsu mbagħad lill-miġegħma fid-dħul tiegħu fil-Proto-Kolleġġjata u Bażilika ta' Sant'Elena Imp. Awg. qabel it-Translazzjoni Solenni u l-Ewwel Għasar Solenni Prepożitali lejlet il-festa titulari tal-patruna ta' Birkirkara.*

Waqt li l-kor flimkien mal-orkestra jkanta l-versett liturġiku *Tu es sacerdos*, jew, *Inti qassis għal dejjem skont l-ordni ta' Melkisedek*, normalment, flimkien mar-Rev. Kan. Dekan jew l-iktar membru kapitulari li jkun ilu fl-uffiċċju ta' Kanonku fi ħdan ir-Rev.mu Kapitlu u r-Rev. Kan. Kantur, ir-Rev.mu Prepostu Arċipriet imur fil-kappella tas-Santissimu Sagrament sabiex hemmhekk jagħmel mumenti qosra ta' talb quddiem Ġesù Ewkaristija. Wara jidħol fis-Sagristija sabiex jilbes l-abiti sagri u jingħata bidu għat-Translazzjoni Solenni tar-Relikwija ta' Sant'Elena Imperatriċi Awgusta fejn ir-Rev. Kan. Dekan ikun quddiem ir-Rev.mu Prepostu Arċipriet liebes il-pivjal. Wara ssir ir-reċita tal-Ewwel Għasar Solenni Prepożitali.

**Kburin bil-wirt ekkleżjastiku u storiku tagħna**

Is-Soċjetà Dun Filippu Borgia, sa mit-twaqqif tagħha fl-1936, minn dejjem ħadmet favur il-ħarsien tal-patrimonju storiku kbir li tħaddan ġo fiha l-Kolleġġjata Elenjana. Nafu li dan wettqitu b'kull mezz li kien possibli u saħansitra marret fil-Qrati Ċivili Maltin biex tiddefendi dak kollu li kien proprjetà u benefiċċju għall-poplu Karkariż li hu l-uniku benefiċċjarju u bi dritt tal-wirt li ħallew Dun Filippu Borg u Dun Perin Borg.

Hu xieraq li niftakru fi kliem il-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietro La Fontaine (1860-1935), li iktar tard kien innominat mill-Q.T. il-Papa Benedittu XV (1854-1922) bħala l-Patrjarka ta' Venezja, meta dan kien mibgħut f'pajjiżna mis-Santa Sede sabiex jeżamina u jirrapporta lura dwar l-istat u l-kundizzjoni li kienu fiha l-Kolleġġjati Maltin matul din iż-żjara li seħħet fl-1910.



Jinghad li meta Mons. La Fontaine żar il-Kolleġġjata ta' Birkirkara u eżamina bir-reqqa kollha l-Bolla tal-fundazzjoni, hu dar fuq ir-Rev.mu Prepostu Arċipriet Alfons Borg u qallu: "Tenetela, conservatela perche con questo documento il Capitolo possiede un tesoro molto raro....".[7]

Nittamaw li b'mod speċjali l-poplu Karkariż japprezza iktar l-istorja u l-konswetudnijiet ekkleżjastiċi li ħallewlna ta' qabilna u nkomplu naħdmu lkoll flimkien biex nippreservawhom għal ta' warajna. Żgur li s-Soċjetà Dun Filippu Borgia ser tkompli tkun fuq quddiem nett f'din il-ħidma kif għamlet tul is-snin.

[7] Andrè Azzopardi (Ed.), Soċjetà Dun Filippu Borgia. *F'Mixja mal-Poplu ta' Birkirkara sa mill-1936*, Print Right Ltd., Qormi 2016, 85.


# SAMMUT
## MARBLE WORKS
EST. 1922

Dealers of Altars, Tombs, Monuments, Staircases and Skirting etc.

**Garage/Store**
40, Triq Balaguer, Balzan

**Mob: 7944 9219**

